# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 23 ta' Settembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**
**vs**
**Matthew Calleja**

**Kumpilazzjoni Nru: 1022/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Matthew Calleja detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 127285(M).

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Settembru 2014, ghal habta tas-sitta ta' filghodu, gewwa Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar:-

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin Ewro ghad-detriment ta' John Mary Sacco;
2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBQ 223 tal-ghamla Maruti b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz;

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan kif ukoll tipprovdi ghas-sigurta' ta' John Mary Sacco.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 75 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li waqt is-sottomissjonijiet maghmula f'ismu l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputat kien mizzewweg lil bint il-parte civile. Nhar l-20 ta' Settembru 2014 ghall-habta tas-6.00am l-imputat u l-parte civile, John Mary Sacco, kienu it-tnejn fil-vettura rispettiva taghhom fi Vjal il-21 ta' Settembru Naxxar. Sacco kien qed isuq fid-direzzjoni tan-Naxxar fil-waqt li l-imputat kien sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta.

Illi skond Sacco waqt li kien tiela' t-tela', qed isuq man-naha tax-xellug tat-triq, lemah lill-imputat fil-vettura tieghu li kienet ipparkjata man-naha l-ohra tat-triq qed thares fid-direzzjoni oppposta (cioe qed thares 'l isfel). Sacco jkompli jispjega li f'daqqa wahda l-imputat hareg "gas down", qasam it-triq u saq ghal fuqu. Sacco konmpla jispjega li hu nhasad u ghafas il-break pero ma setghax jevita l-impatt ghaliex ma setghax jiehu azzjoni evaziva stante li kien hemm sigra fuq il-bankina. Waqt id-depozizzjoni tieghu Sacco spjega ukoll li l-imputat kien imur id-dar tieghu (cioe id-dar ta' Sacco) almenu sitt darbiet fil-gimgha biex jara lil bintu (cioe bint l-imputat).

Illi l-imputat da parti tieghu jghid li huwa kien qed isuq lejn il-Mosta meta nduna lil Sacco kien gej mid-direzzjoni opposta. Hu xtaq ikellmu lil Sacco, allura qasam it-triq gie wrong side u waqqaf il-vettura tieghu biex jimblokkalu t-triq lil Sacco b'mod li dan ikollu jieqaf biex hu ikun jista jkellmu. L-imputat jichad li kien ipparkjat qed jistenna lil Sacco u jinsisti ukoll li huwa kien wieqaf meta sehh l-impatt u li kien hemm distanza sufficjenti biex Sacco jieqaf minghajr ma jibqa diehel fih.

Illi fuq il-post issejjah warden li ha ritratti u anke ghamel skizz; dawn huma esebieti in atti.

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat bi tlett reati; hsara volontarja fil-vettura ta' Sacco; sewqan traskurat bla kont u perikoluz; u li saq man-naha saq fuq in-naha hazina tat-triq.

Illi waqt is-sottomissjonijiet maghmula f'ismu l-imputat ammetta t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet; fi kwalunkwe kaz dawn jirrizultaw ampjament mill-provi. Minn dak li qal Sacco, mir-ritratti esebieti, u minn dak li qal hu stess waqt id-depozizzjoni tieghu, jirrizulta li waqt li kien qed isuq l-imputat deliberatament qasam ghall-karreggjata l-ohra biex spicca jsuq fuq in-naha hazina tat-triq u kontra l-flow of traffic u dan ghamlu meta kien jaf li gejja vettura (dik misjuqa minn Sacco), u li b'din il-manuvra kien ser jostakola kompletament it-triq ta' Sacco. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li dan huwa sewqan mill-aktar perikoluz.

Illi l-ewwel imputazzjoni hija kontestat; l-imputat qed jissottometti li din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta ghaliex huwa nieqes l-element intenzjonali; gie sottomess li dak li ried l-imputat ma kienx li jikkawza hsara fil-vettura ta' Sacco imma li jalqalu t-triq biex ikun jista' jkellmu.

Illi dwar id-dinamika ta'l-incident hemm xi kunflitti fil-provi fis-sens li Sacco jghid li l-imputat kien ipparkjat man-naha l-ohra tat-triq u malli rah saq ghal fuqu; l-implikazzjoni hi li l-imputat kien qed jistennih lil Sacco. L-imputat min-naha l-ohra jghid li huwa kien qed isuq fi triqtu lejn ix-xoghol meta nduna li Sacco kien gej mid-direzzjoni opposta u, ghax ried ikellmu, qasam ghall-karreggjata l-ohra biex jimblokkalu t-triq u b'hekk Sacco jkollu jieqaf u jkun jista' jkellmu.

Illi dwar il-motivazzjoni ta'l-imputat u x'wasslu biex jaghmel din il-manuvra avventata Sacco jghid li l-imputat kellu kull oppportunita li jkellmu

u ma kellux ghalfejn jirrikorri ghal mizuri drastici bhal dawk fuq deskritti ghaliex hu (cioe l-imputat) imur ghandu (cioe ghand Sacco) almenu sitt darbiet fil-gimgha biex jara lit-tifla. Dan il-fatt ma giex kontradett mill-imputat.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal liberatorja; il-Qorti ghandha tevalwa il-verzjonijiet kunfliggenti u tara, fid-dawl tal-kumpless tal-provi prodotti, lil min tista' temmen u f'xiex.

Illi l-Qorti ghamlitu dan l-ezercizju u hija tal-fehma li ma tistax temmen lill-imputat meta jghid li dak li rid kien li jkellem lil Sacco. L-imputat kellu diversi mezzi disponibbli biex ikun jista' jkellem lil Sacco u zgur ma kellux ghalfejn jaghmel manuvra perikoluza u avventata bhal dik biex ikellem lil Sacco. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li tista' taghti affidabilita lill-verzjoni ta' Sacco meta jghid li l-imputat kien ipparkjat u malli rah qasam it-triq u ghalaqlu t-triq biex b'hekk sehh l-impatt.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati talli volontarjament ikkawza hsara fil-vettura propjeta ta' John Mary Sacco.

Illi dwar l-ammont tal-hsara kkawzata Sacco jghid li kellu hsara fil-parti ta'quddiem. Mir-ritratti u mir-rapport tal-warden jidher li l-hsara fil-vettura ta' Sacco kienet fuq quddiem man-naha tal-lemin u mal-mudguard tal-lemin. Gew prezentati ukoll zewg stimi ghax-xoghol u ghall-parts rikjesti.

Illi l-istima mahruga minn Gasan Zammit telenka diversi parts ghall-ammont ta' €1,174.84; din l-istima hija datata 22 ta'Settembru 2014. Il-persuna li ghamlet ix-xoghol fil-vettura ta' Sacco, certu Joe Giusti, tressaq bhala xhud. B'referenza ghall-istima mahruga minnu (li hi datata 8 ta' Ottubru[1]) jghid li fiha hemm indikat il-prezz tal-panel beating u spray painting kif ukoll stima tal-parts li kien hemm bzonn. Dwar l-istima tal-parts Giusti jispjega li huwa cempel minn fejn issoltu jixtri l-parts biex jara kemm jiswew dawk il-parts li kien hemm bzonn biex tigi riparata l-vettura ta' Sacco[2] u hu inkluda dan l-ammont fid-dokument minnu redatt. Giusti kompla jispjega li l-parts

[1] Is-sena ma tidhirx fil-kopja prezentata.
[2] Hu ma qalx x'kienu dawn il-partsulanqas jindika x'kienu f'l-istima.

xtarahom Sacco, ghalhekk l-ircevuti suppost qeghdin ghand Sacco. Dawn l-ircevuti ma gewx prezentati in atti.

Illi a bazi ta'l-istima ta' Giusti l-ispiza totali ghar-riparazzjoni tal-vettura ta' Sacco kellha tkun €680.29. La darba huwa kien il-persuna li ghamlet ix-xoghol fil-vettura u skond hu il-parts necessarji kellhom jiswew l-ammont minnu indikat, u la darba d-dokument ta' Gasan Zammit mhux ir-ricevuta ta' kemm hallas Sacco ghall-parts, il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax taccetta l-ammont indikat f'l-istima mahruga minn Gasan Zammit bhal prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni tal-valur tal-parts utilizzati minn Sacco. Fil-fehma tal-Qorti l-ammont tal-hsara li gie pruvat huwa ta' €680.29.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 75 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil John Mary Sacco s-somma ta' sitt mija u tmenin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€680.29); in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiswalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**